**31 ta' Lulju, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Patrick Vella B.A., LL.D. Mag. Juris. (Eur. Law)**

Il-Pulizija

*versus*

George Manicolo

## Truffa - Frodi Innominata

*Sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhijiex biżżejjed is-sempliċi gidba, il-kliem menzjonier, iżda hu neċessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi u kredibilità lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jieħu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelliġenza u prudenza ordinarja u normali, għandhom ikunu atti frawdolenti li neċessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali. Minbarra l-gideb irid ikun hemm l-ingann, ir-raġġiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jiġi lilu mwiegħed mill-frodatur. Dan l-ingann, għalhekk, għandu jkun akkumpanjat b'artifizji, kważi teatrali, u mhux sempliċement wegħdiet, promessi u kliem sempliċi;*

*Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali huwa kompriż u involut f'dak ikkontemplat fl-artikolu 308 ta' l-istess Kodiċi. Dan joħroġ ċar minn interpretazzjoni akkurata ta' l-artikoli 308, 309 u 310, kif ukoll fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza in materja.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra George Manicolo talli f'dawn il-Gżejjer, matul dawn l-aħħar snin, qabel it-tletin ta' Marzu, 1990 (30.03.90), b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, magħmula

b'riżoluzzjoni waħda, approprja ruħu billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn xogħol ta' *aluminium*, stmat aktar minn Lm500 bi ħsara ta' Amal Aluminium Works Ltd. li kien fdat jew ikkunsinjat lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd jew li jsir użu minnu speċifikat (artikolu 18, 293 tal-Kap. 9);

Ġie ukoll akkużat talli fl-istess post u żmien, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra, sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn Lm5,000, bi ħsara tad-ditta Amal Aluminium Works Ltd. ta' Ħal Qormi (artikolu 308, 310a, tal-Kap. 9);

Ġie akkużat ukoll talli sar reċidiv, b'sentenza definittiva mogħtija mill-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ddatata 28 ta' Ottubru, 1994 li biha ma sabitx lil George Manicolo ħati ta' l-ewwel akkuża u lliberatu minnha, filwaqt li sabitu ħati tat-tieni u t-tielet akkuża u kkundannatu għall tmintax (18)-il xahar priġunerija;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' George Manicolo ddatat 3 ta' Novembru, 1994 li bih talab li din il-Qorti tikkonferma l-parti liberatorja tas-sentenza appellata u tirrevokaha fil-bqija u tilliberah minn kull akkuża u piena;

Rat li l-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti f'dan li ġej:

Illi hu mhuwiex u ma jistax jinstab ħati taħt l-artikolu 308

tal-Kodiċi Kriminali għaliex jonqos l-element intenzjonali;

Illi l-operazzjoni kollha in kwistjoni, meritu ta' din il-kawża, kienet waħda kummerċjali u minn imkien ma jirriżulta li l-appellant kien qed iqarraq;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti tal-proċediment;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-appellant iddatata 14 ta' Mejju, 1998 u n-nota responsiva għaliha ta' l-Avukat Ġenerali ddatata 19 ta' Mejju, 1998;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet li fil-fatt irrimettew irwieħhom għal dak li ssottomettew fl-imsemmija noti tagħhom;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi jirriżulta illi l-appellant fis-sena 1989 - 1990 kien ta' spiss imur għand id-ditta Amal Aluminium Ltd. u jordna kwantità ta' xogħol ta' l-*aluminium on credit* tant li l-akkont tiegħu kien tela' għas-somma ta' Lm12,000;

Illi meta Vincent Attrad, il-proprjetarju ta' l-imsemmija ditta beda jippressa lill-appellant għall-ħlas ta' din is-somma dovuta, l-appellant kien jikkonvinċi lill-impjegati ta' dan Attard, bl-ingann tiegħu, li kellu ħafna xogħol tant li kellu wieħed Ingliż li inkarigah jirranġalu *Guesthouse*, u li kien qed jibni blokk ta' appartamenti. L-appellant kien ipperswada lil Attard li meta dan l-Ingli jirritorna, hu kien ser jieħu ħsieb tal-kontijiet kollha pendenti mad-ditta tiegħu;

Illi jirriżulta li dan l-ingann ma ġiex ipprattikat f'xi

okkażjoni waħda jew tnejn, iżda kien ilu sejjer għal xi sena. Biex ikompli jimpressjona lil Vincent Attard u lill-impjegati tiegħu, l-appellant kien imur fil-fabbrika tal-parti leża mgħobbi bi pjanti u qisien għax-xogħlijiet li qal li kien qed ikollu;

Illi fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, l-appellant qed jissottometti li dan ma kienx ingann jew truffa; iżda kien każ evidenti ta' negozju kummerċjali fejn wieħed jieħu l-oġġett iżda ma jħallasx għalih dak il-ħin, imma jipprometti li jħallsu aktar 'il quddiem. Skond hu, il-prosekuzzjoni ma ppruvatx ir-reat ta' truffa fl-elementi kollha tiegħu, stante li l-appellant ma użax raġġiri jew artifizji jew il-messa in xena biex bihom seta' jikkonvinċi lil Attrad;

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 308 tal-Kap. 9 jipprovdi testwalment hekk:

"Kull min, b.mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunijera minn erba' xhur sa sena";

L-artikoli 310 (1) (a) tal-Kap. 9, li jittratta dwar l-aggravji, ċjoè skala tal-piena skond l-ammont tal-ħsara, jgħid li l-piena msemmija fl-artikolu 308 tal-Kap. 9 tiżdied minn żewġ gradi sa tliet gradi jekk l-ammont involut hu ta' aktar minn Lm500;

Illi l-ġurisprudenza nostrali dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa, mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, il-

kliem menzonier, iżda hu neċessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi u kredibilità lil dik il-gidba. Dan *l-att estern jista' jieħu diversi forom, kultant anke atti* teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelliġenza u prudenza ordinarja u normali, għandhom ikunu atti frawdolenti li neċessarjament iqajmu sentimenti kif hemm ındikati fil-fuq kwotat artikolu 308 tal-Kap. 9. Irid ikun hemm il-messa in xena u għalhekk, kif intqal, il-gideb waħedhom mhumiex suffiċjenti. Iridu jkunu atti, inkluż kliem ħelu u perswassiv, *li jwasslu lil xi ħadd jemmen fl-eżistenza ta' xi ħaġa* msemmija mil-frodatur, liema ħaġa, in realtà, ma teżistix. Minbarra l-gideb għalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raġġiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jiġi lilu mwiegħed mill-frodatur. Dan l-ingann, għalhekk, għandu jkun akkumpanjat b'artifizji kważi teatrali u mhux sempliċement wegħdiet, promessi u kliem sempliċi. Dan hu *element ferm importanti fir-reat ta' frodi.* Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux biżżejjed il-kliem waħdu, iżda dan il-kliem għandu jkun elokwenti, studjat u perswassiv; ma' dan it-tip ta' kliem għandu jkun hemm xi ħaġa esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, ċjoè apparat estern li jirrivesti bi kredibilità l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur;

Din il-messa in xena hi magħmula minn dawn l-artifizji jew raġġiri idonei li jinduċu u fil-fatt ikunu induċew lill-vittma fi żball u li bħala riżultat ta' dan l-iżball, il-vittma tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf partimonjali bil-korrispondent qligħ għall-aġent frodatur;

Kif ġie stabbilit u riaffermat fil-Qrati tagħna, ikun ħati ta' truffa min jagħmel użu minn kwalità falza sabiex jagħmel qligħ għad-dannu ta' ħaddieħor;

Illi tenut kont ta' dan kollu li għadu kif ġie spjegat dwar x'jikkostitwixxi d-delitt ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9, din il-Qorti wara li għamlet l-apprezzament tagħha tal-fatti u provi riżultanti mill-atti, tara li f'dan il-każ ta' l-appellant George Manicolo, mhix kwistjoni ta' xi gidba jew gideb sempliċi, iżda, kif sewwa esprimiet l-Ewwel Qorti hawn si tratta ta' frodi sofistikat, maħsub u kkalkolat u żżid tgħid ta' frodi kontinwat tul perijodu ta' sena;

Il-fatti juru li l-appellant kien assuma fuqu nnifsu r-rwol ta' kuntrattur, ivvinta l-istorja ta' l-Ingliż, li baqa' injot, li suppost kellu *Guesthouse* hawn Malta u li kien qed jibni blokk ta' apparatamenti, u li hu, l-appellant, kien ġie fdat minnu bl-arranġamenti u alterazzjonijiet kollha f'din il-*Guesthouse*. B'hekk l-appellant ħoloq dak li l-liġi ssejjaħlu "l-eżistenza ta' intrapriżi foloz" u ta' "krediti immaġinarji". Biex joħloq ċirkostanzi verosimili biex juri kemm kienu jeżistu fir-realtà dawn l-intrapriżi, l-appellant kull meta kien imur għand il-vittma kien iġorr miegħu pjanti, disinji u qisien ta' dak li hu sejħilhom "ix-xogħlijiet kollha taħt idejh" u b'hekk wera ħaġa b'oħra. Din hi l-messa in xena li trid il-liġi f'dan it-tip ta' delitt, u b'dan l-għemil tiegħu rnexxielu jimpressjona u jikkonvinċi lill-vittma li tikkonsenjalu l-*aluminium* u kull ma kellu bżonn f'perijodu ta' żmien u bla ma qatt ħallas l-ammont dovut għal dawk il-konsenji f'valur ta' Lm12,000;

Illi dawn huma r-raġġiri u l-aritifizji li titlob il-liġi u li jagħtu kredibbilità għal xi ħaġa li altrimenti hi sempliċi gidba;

Illi l-appellant iddispona minn dan l-*aluminium* mogħti lilu b'dan il-mod, kif deherlu hu, bi prezz terz tal-valur proprju tiegħu, u għalhekk ġie li jagħmel il-qligħ għalih ta' aktar minn Lm500 għad-dannu tad-ditta Amal Aluminium Ltd.;

Illi għalhekk ċertament hemm l-elementi kostituttivi kollha rikjesti mil-liġi għar-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9;

Illi dwar l-aggravju ta' l-appellant li f'dan l-istadju l-akkuża ma tistax tinbidel talvolta mill-provi jirriżulta r-reat taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9 (il-frodi nnominata) u mhux it-truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 u allura l-appellant għandu jiġi lliberat, il-Qorti tirrileva li l-appellant hawnhekk huwa żbaljat, prinċipalment l-għaliex ir-reat taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9 huwa kompriż u involut f'dak ikkontemplat fl-artikolu 308 tal-Kap. 9. Dan joħroġ ċar minn interpretazzjoni akkurata ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 u fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza in materia. L-elementi li jikkostitwixxu d-delitt taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9 jistgħu, u anke huma, komuni għal dawk rikjesti għad-delitt taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9. L-artikolu 310 tal-Kap. 9 imbagħad, jaggrava l-piena stabbilita fl-artikoli 308 u 309 tal-Kap. 9 skond il-valur tal-ħsara u ammont involut;

Illi għalhekk din il-Qorti ma taqbilx ma' dak kollu li ġie sottomess mill-appellant u tikkondividi pjenament l-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet ta' l-Ewwel Qorti. Dan hu każ ċar fejn l-appellant, oltre bl-użu ta' attivista sempliċi kummerċjali u bl-użu ta' kliem menzonier, iżda ukoll b'raġġiri u artifizji, in konnessjoni ma' xogħlijiet "fantasma" ta' bini ta' blokk ta' appartamenti u l-arranġar ta' *Guesthouse* ta' wieħed Ingliż injot, ottjena kwantità ta' merkanzija, kif fuq imsemmija, mingħand Amal Aluminium Limited li ddispona minnha kif ried hu lil terzi bi prezz ferm irħis u inqas mill-valur attwali ta' l-istess u dan għalhekk bi qligħ għalih għad-dannu tal-parti leża;

F'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-Qorti ma tara ebda raġuni għala għandha tiddipartixxi mill-konklużjonijiet milħuqha mill-

Ewwel Qorti;

Għal motivi premessi din il-Qorti qed tiċħad l-appell ta' George Manicolo u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'effett immedjat.